MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Numru. 1347/2009

**Il- Pulizija**
**[Spettur James Grech)**

**vs**

**Romina Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Romina Grima ta’ 18 il-sena bint Albano u Lorraine nee’ Spiteri, imwielda Pieta’ fid-29 ta’ Novembru 1991 residenti “Anester”, Triq Patri G.A. Bonelli, Rabat, u detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 604791M

Illi fil-lejl ta’ bejn is-16 u 17 t’Ottubru 2009 bejn l-2200hrs u 0000hrs, f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnha anki jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dipozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda;

1. Illi bil-hsieb li taghmel hsara lil Bruce Xuereb detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 145086M u lil Ian

Xuereb detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 149887M, akkuzat lil dawn il-persuni quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li dawn il-persuni huma innocenti;

2 Illi bil-qerq holqot jew geghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu il-quddiem jiswew bi prova kontra Bruce Xuereb u Ian Xuereb, bil-hsieb li b'hekk dawn il-persuni jkunu jistaw jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta' reat;

3 Illi ddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot it-tracci ta' reat b'mod li jistaw jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

- 2 -

4 Illi b'hekk kisret kundizzjoni mposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-14 ta' Jannar 2009 mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. S.Demicoli LL.D. meta giet illiberata bla hsara ghall-kondizzjoni li ma taghmel ebda reat matul il-perjodu ta' tlett snin.

Il-Qorti,

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz;

Rat id-dokumenti ipprezentati u l-ammissjoni tal-imputata u c-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment elenkati fl-istqarrija tal-istess imputata Romina Grima.

Rat ukoll il-Fedina penali tal-imputata li ghalkemm mhijiex wahda netta mhijiex tali li tippreokkupa din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi,
Wara li rat l-Art.101 u 110 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lil Romina Grima hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontriha u b'applikazzjoni tal-Art. 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggiha taht ordni ta' probation ghal

perjodu ta’ sena bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputata Romina Grima r-responsabilita’ taghha u x’jigri jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha moghtija;

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation biex jigi appuntat ufficjal ghas-sorveljanza ta’ l-imputata Romina Grima.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------